MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2008

Talba Numru. 919/2007

**Michael Attard Limited (C 32362)**

**Vs**

**Andrew Harvey (Pass. No. 705146105)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta' attrici talbu l-hlas tas-somma ta' seba' mija u sebgha u sittin Euro u sitta u sebghin centezmu (€767.76), tlett mija u disgha ghoxrin liri Maltin u sittin centezmu (Lm329.60c), rapprezentanti import ta' tlett kambjali skaduti.

Bl-ispejjes u bl-imghax ulterjuri mid-data tal-iskadenza sad-data tal-pagament effettiv.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-

terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lil konvenut ihallas is-somma ta' seba' mija u sebgha u sittin Euro u sitta u sebghin centezmu (€767.76), tlett mija u disgha u ghoxrin liri Maltin u sittin centezmu (Lm329.60c), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------